MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 150/2013

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Dicembru 2006 skont id-dokument hawn anness u immarkat Dokument 'RB1' u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;
2. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie rregistrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att taz-Zwieg numru 2322/2006;
3. Illi l-kontendenti illum huma sseparati de facto minn Lulju tas-sena 2010;
4. Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizjat b'difett sertju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskuzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;
5. Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi :

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti; u

Tordna li din in-nullita' tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li gew prodotti u l-atti ta'dan il-procediment;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-16 ta' Dicembru 2006[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19 (1)(d) u 19 (1)(f) tal-Kap. 255.

Illi l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat, ma prezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Permezz tax-xiehda taghha[2] l-attrici tghid li hi u l-intimat iltaqghu, marru jghixu flimkien u ghal perjodu taz-zmien ir-relazzjoni taghhom kienet wahda tajba. Izda mbaghad, wara xi tliet snin u nofs, l-intimat beda jghir ghaliha u m jhallihiex tohrog jew tmur ghand ommha. Tghid li inbidel kompletament u beda johrog anke fil-weekends u jmur lura d-dar fis-sakra. Telqet mid-dar matrimonjali wara xi tliet snin u nofs, wara sena tinsisti mal-intimat biex jinbidel.

Permezz tal-affidavit taghha[3], l-attrici tirrakkonta kif iltaqghet mal-intimat u li wara xahar li bdew jiffrekwentaw lil xulxin, marret tghix mieghu. Il-kera tal-appartament kien ihallasha hu. Dwar id-decizjoni relatata maz-zwieg, l-attrici tghid li kien l-intimat li ppropona z-zwieg u r-reazzjoni taghha kienet 'mhux xorta'. Ma ratx problema ghaz-zwieg u ghalhekk izzewgu f'Dicembru 2006, prattikament sena wara li kienu ltaqghu. Tispecifika li qabel iz-zwieg kien jittrattaha tajjeb, kien ihallas ghall-affarijiet ghad-dar u l-kontijiet tas-servizzi. Tghid ukoll li ma kienitx hadet interess fil-preparamenti tat-tieg u halliet kollox f'idejn zijitha biex torganizza kollox hi u din iz-zija kienet anke harget hafna flus ghall-istess tieg biex imbaghad l-attrici hallsitha lura bil-mod.

---
[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process
[2] Ara x-xhieda tal-attrici datata l-20 ta' Marzu 2014 esebita a fol 24 tal-process
[3] Esebit a fol 28 tal-process

Tiddikjara li ma kienux riedu tfal sakemm l-intimat ma jkollux xoghol fiss b'introjtu ragonevoli, izda minhabba l-fatt li r-relazzjoni taghhom qatt ma kienet wahda soda, tghid li qatt ma riedet taghmel tali pass u jkollha t-tfal minn tieghu.

Tkompli zzid tghid ma' dak li tixhed dwaru *viva-voce* u cioe' li l-intimat kien johrog ma' shabu u jirritorna lura kmieni filghodu minghajr ma kienet tkun taf fejn kien. Ma kellu ebda kontroll fuq il-flus tant li kien anke gibed il-flus mill-kont li kellhom bejniethom u kellha thallashom lura lill-bank sabiex tkun tista' taghlaq l-istess kont kongunt li kellha mieghu.

## Il-Mertu tal-Kaz odjern

Il-Qorti tirrileva li l-unika prova li giet imressqa f'dawn il-proceduri kienet ix-xiehda tal-attrici stess. L-intimat li huwa kontumaci, minkejja d-diversi tentattivi da parti tal-attrici sabiex l-intimat jitla' jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti, baqa' qatt ma resaq.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-istess xiehda attrici abbazi tal-artikoli li fuqhom qieghda tibbaza l-kawza taghha l-istess attrici.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

xi jrid jigi ppruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti tirrileva li l-attrici tghid li accettat li tizzewweg lill-intimat wara li kienu diga' qed jghixu flimkien. Huwa minnu li l-attrici tghid li ma sabet ebda problema biex tizzewweg u li ghaliha kien 'xorta', izda tali dikjarazzjoni m'hijiex prova bizzejjed biex turi b'mod sodisfacenti li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni da parti taghha. L-attrici ma taghti ebda hjiel li ma kienitx taf f'hiex inhi diehla jew li ma kinitx taf x'inhuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg. Anzi, mill-affidavit

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

taghha jirrizulta car li kienet matura u li riedet issalva z-zwieg tant li kienet tipprova titkellem mal-intimat u tghidlu li l-affarijiet ta' bejniethom ghandhom jinbidlu.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mix-xiehda tal-attrici jirrizulta li l-partijiet eskludew il-possibilita' tal-prokreazzjoni bejniethom. Kien hemm zmien fejn it-tnejn li huma ma riedux l-ulied u kien hemm zmien li gie wara fejn kienet l-attrici stess li ma riditx li jkollha l-ulied mill-intimat, proprju minhabba s-sitwazzjoni negattiva ta' bejniethom. Il-fatt li l-partijiet ma kellhomx tfal jikkorrabora tali dikjarazzjoni, ghalkemm naturalment mhux b'mod assolut. Pero' huwa indikattiv u jaghti aktar kredibilita' lill-attrici li wara kollox ix-xiehda taghha m'hijiex kontradetta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------